MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 209/2006

**Raymond Mallia (ID 552463 M)**

**vs**

**Carmel Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta` Marzu, 2006 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta` disa` mija u hamsin lira Maltija (Lm950), rapprezentanti spejjez inkorsi b'rizultat ta` l-incident li sehh fi triq il-Wied B'kara fit-23 ta` Awissu, 2003 meta gie aggredit mill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 19 ta` Jannar, 2007 fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi fl-ewwel lok l-azzjoni kienet preskritta bid-dekors ta` sentejn mid-data ta` l-

incident, fit-tieni lok li kien l-istess attur li pprovoka l-incident u fit-tielet lok li l-ammont pretiz kien ezagerat.

B'riserva ghal prezentata ta` risposti ulterjuri.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali ta` l-abbli difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidra.

Illi fil-kaz in ezami l-konvenut qieghed jeccepixxi il-preskrizzjoni ta` sentejn. Ghalkemm kien mistenni minnu li jiccita l-artikolu tal-ligi rilevanti huwa naqas li jaghmel dan. Illi fil-kaz in ezami huwa ferm importanti li jigi specifikat fuq liema artikolu tal-ligi qed jistrieh l-istess konvenut peress illi l-incident in kwistjoni ta lok ghal proceduri kriminali wkoll kontra l-istess konvenut u kwindi f'kazijiet simili t-terminu preskrittiv huwa dak stipulat fil-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta u mhux tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta, liema terminu jiddependi fuq in-natura ta` l-incident u l-akkuzi relattivi fuq l-istess u l-perjodu tal-piena karcerarja marbuta ma` l-istess akkuzi.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi fuq l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni kif intavolata mill-konvenut billi jichad l-istess u kwindi jordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu, bl-ispejjez ta` din id-decizjoni a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------